MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Numru 459/2005

**George Portelli**

**Vs**

**Paul Abela**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni tal-attur li biha permezz ta' skrittura privata datata disgha w ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004) l-attur ta lill-konvenut b'titolu ta' self is-somma ta' erbat' elef lira Maltin (Lm4, 000);

Illi dawn il-flus kellhom jithallsu lura lill-attur sat-tnejn (2) ta'

Settembru tas-sena elfejn u erba’ (2004) jew jekk il-konvenju dwar id-dar numru 358 Triq Manuel Dimech Streeet li fih kienu dahlu l-istess partijiet jiggedded, allura dawn il-flus kellhom jithallsu saz-zmien li bih jiggedded dan il-konvenju;

Illi permezz ta’ skrittura privata ohra datata hmistax (15) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u erbgha (2004) l-attur sellef lill-istess konvenut somma ohra ammontanti ghal elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2, 500) (hawn aktar ‘l isfel imsejjah “it-tieni self”);

Illi l-flus tat-tieni self kellhom jithallsu lura lil-attur sal-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar, 2005 jew jekk il-konvenju dwar id-dar numru 358, Triq Manwel Dimech, Sliema li fih dahlu l-istess partijiet jiggedded, allura l-flus tat-tieni self kellhom jithallsu lura saz-zmien li bih jiggedded l-imsemmi konvenju;

Illi l-konvenju bejn il-partijiet ma ggeddidx ulterjorment wara t-tletin (30) ta’ Marzu tas-sena elfejn u hamsa u ghaldaqstant il-flus mislufa fl-ewwel u t-tieni self ammontanti b’kollox ghal sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6, 500) huma issa dovuti lill-attur;

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat ghal dan il-ghan anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 4 ta’ April, 2005, baqa’ inadempjenti;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi, jghid il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvediment li hija jidhrilha xierqa u opportuna;

1. Tilqa’ u tiddeciedi skond it-talbiet attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;
2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta’ l-attur fl-ammont ta’ sitt elef u hames mitt lira Maltin (Lm6, 500);
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas din is-somma lill-attur fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti;

Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 4 ta' April, 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qieghed jigi prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi l-konvenut deher u ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------